MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 485/2002

**Carmelo sive Charles u Dorianne konjugi Sammut f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Charlie Autodealer**

**vs**

**Vincent u Irene konjugi Francica**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm4,618.73), oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi karozzi mibjugha u konsenjati lill-konvenuti u cioe' bilanc ta' Lm1,400 oltre l-imghax mit-13 ta' Marzu, 2001, in konnessjoni mal-bejgh ta' Mazda BAK 308; bilanc ta' Lm800.00 oltre l-imghax legali mit-3 ta' Mejju, 2002, mal-bejgh ta' Nissan F 3218; bilanc ta' Lm1,186.87 oltre l-imghax legali mill-11 ta' Dicembru, 1999, ghall-bejgh ta' Fiat Panda T 1758 u bilanc ta' Lm1,231.86 rapprezentanti

prezz ta' Seat Marbella V 3868 oltre l-imghax legali mill-11 ta' Dicembru, 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut Vincent Francica fejn ammetta t-talbiet attrici kif konfortat bin-nota tieghu fl-istess termini.

Peress illi t-talba hija gustifikata u fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------